**RAPPORT DWAR INVESTIGAZZJONI**

| | |
|---|---|
| **Każ Nru:** | K/072 |
| **Allegazzjoni:** | Għemil ta' dikjarazzjonijiet mhux veritieri dwar il-konċessjoni tal-Forti Chambray |
| **Ilmentatur:** | Is-Sur Jesmond Bonello |
| **Data tal-Ilment:** | 24 ta' Lulju 2024 |
| **Data ta' Dan ir-Rapport:** | 21 ta' April 2025 |

**L-Ilment**

1. Fl-24 ta' Lulju 2024, is-Sur Jesmond Bonello (l-Ilmentatur) kiteb lil dan l-Uffiċċju biex jitlob investigazzjoni tal-Onorevoli Alex Borg minħabba dikjarazzjonijiet allegatament inveritieri li huwa għamel dwar il-konċessjoni tal-Forti Chambray f'Għawdex. L-Ilmentatur qal "*Filwaqt li Deputat Parlamentari għandu kull dritt jieħu liema pożizzjoni jaħseb li hi l-aħjar, m'għandu qatt jiġġustifika dan b'argumenti qarrieqa u li m'għandhomx mill-verità kif ġara f'dan il-każ.*"

2. Skont l-Ilmentatur, fl-1 ta' Lulju 2024 l-Onor. Borg kiteb fuq is-sit soċjali Facebook li huwa vvota favur il-konċessjoni tal-Forti Chambray għaliex, fost raġunijiet oħra, "*il-Gvern reħa minn idejh l-obbligu kuntrattwali li jirrestawra l-fortifikazzjonijiet u minflok xeħet dan l-obbligu fuq il-konċessjonarju l-ġdid*". L-Ilmentatur allega iżda li mill-kuntratt ta' konċessjoni enfitewtika approvat mill-Parlament dakinhar stess, "*jirriżulta propju l-invers ta' dak li l-Onorevoli Borg iddikjara pubblikament dwar dan l-obbligu kuntrattwali*".

3. L-Ilmentatur qal li l-Onor. Borg għamel dikjarazzjoni simili waqt intervista mill-ġurnal *MaltaToday* li saret il-Ħadd 14 ta' Lulju 2024 u xxandret online fil-jiem ta' wara. Skont l-Ilmentatur, f'din l-intervista l-Onor. Borg qal "*Il-Gvern kien suppost irranġa s-swar. Issa li l-Gvern falla, m'għamilhiex dik il-ħaġa, il-*

*privat qed jidħlu huma biex jagħmlu t-tiswijiet tal-iswar biex inżommu l-fortifikazzjoni kif inhi.*" L-Ilmentatur qal li dan ma jirriżultax mill-kuntratt.

4. L-Ilmentatur allega li dan l-aġir min-naħa tal-Onor. Borg ma jixhidx "*l-istatus u d-dinjità tal-Kamra tad-Deputati*" u lanqas ma hu konformi "*mal-ispirtu u l-ittra tar-regoli tal-Kamra tad-Deputati u mar-regoli tal-kumitati tagħha*". Dawn huma riferenzi għall-artikoli 1 u 2 tal-Kodiċi ta' Etika tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati, li jinsab fl-ewwel skeda tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-kapitolu 570 tal-liġijiet ta' Malta).

5. L-ilment huwa anness ma' dan ir-rapport bħala d-**Dokument A**.

6. Dan l-Uffiċċju ħa screenshot tal-kitba fuq Facebook tal-Onor. Borg u pprepara traskrizzjoni tas-silta relevanti tal-intervista tiegħu ma' *MaltaToday*.[1] Dawn huma annessi bħala d-**Dokumenti B u Ċ**. Qegħdin jiġu inklużi minflok dokumenti simili mibgħuta mill-Ilmentatur mal-ilment tiegħu, biex jiġi assikurat li l-kummenti tal-Onor. Borg huma riprodotti fedelment. L-intervista ma' *MaltaToday* dehret fis-7 ta' Lulju 2024, mhux fl-14 ta' Lulju kif qal l-Ilmentatur, iżda dan punt ta' dettall li ma jaffettwax il-merti tal-ilment.

7. L-Ilmentatur hemeż ukoll mal-ilment tiegħu ir-reżoluzzjoni tal-Parlament dwar il-konċessjoni tal-Forti Chambray u l-kuntratt relatat. Dawn id-dokumenti huma aċċessibbli mis-sit elettroniku tal-Parlament,[2] u għalhekk mhumiex qegħdin jiġu annessi ma' dan ir-rapport biex ma jirrenduhx voluminuż iżżejjed.

**Il-Kuntest**

8. F'Jannar tal-2005, il-Forti Chambray f'Għajnsielem, Għawdex, ingħatat mill-gvern bħala konċessjoni enfitewtika bil-għan li tiġi żviluppata bħala sit turistiku u residenzjali. It-termini tal-konċessjoni ġew emendati f'April tal-2007 u Awwissu tal-2010.

9. Fis-26 ta' Ġunju 2024, il-Kumitat Parlamentari dwar il-Kontijiet tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika ltaqa' biex jikkunsidra mozzjoni mressqa mill-Onor. Dr Stefan Zrinzo Azzopardi, Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni

---

[1] L-intervista hija aċċessibbli minn https://www.maltatoday.com.mt/news/interview/130108/watch_alex_borg_the_pn_won_back_gozo_because_the_pl_failed_gozitans.

[2] Ara https://parlament.mt/media/129247/motion-275-trasferiment-ta-art-fort-chambray.pdf.

tal-Programm Elettorali. Il-mozzjoni kienet tipproponi li l-Kamra tad-Deputati tapprova kuntratt ta' varjazzjoni biex jinbidlu t-termini tal-konċessjoni tal-Forti Chambray. Skont l-artikolu 31(ċ) tal-Att dwar Artijiet tal-Gvern (il-kapitolu 573 tal-liġijiet ta' Malta), il-mozzjoni kellha l-ewwel tiġi approvata minn dan il-Kumitat imbagħad titressaq quddiem il-Kamra kollha kemm hi.

10. L-Onor. Alex Borg ma kienx membru tal-Kumitat iżda ħa sehem f'din il-laqgħa bħala s-sostitut ta' deputat ieħor, l-Onor. Darren Carabott. Il-Kumitat approva l-mozzjoni b'mod unanimu.[3]

11. Fl-1 ta' Lulju 2024 il-Ministru Zrinzo Azzopardi ressaq il-mozzjoni quddiem il-Kamra tad-Deputati. Il-Kamra approvat il-mozzjoni l-għada, 2 ta' Lulju 2024, bil-qbil unanimu tad-deputati kollha preżenti.[4] L-Ilmentatur ma kienx korrett meta qal li l-Kamra approvat il-mozzjoni fl-1 ta' Lulju 2024, iżda dan ukoll ma jaffettwax il-merti tal-ilment.

12. Il-kuntratt li ġie approvat permezz tal-mozzjoni ħoloq kontroversja pubblika għaliex estenda ż-żona ta' żvilupp fil-forti. B'riżultat ta' dan, il-kwartieri tas-suldati ta' żmien is-seklu dsatax li jinsabu fil-forti se jitwaqqgħu minkejja li ħafna jqisuhom ta' valur storiku.[5] Barra minn hekk, ingħad li l-konċessjonarju ma qediex l-obbligi kollha tiegħu taħt il-kuntratt oriġinali, iżda l-konċessjoni saret aktar favorevoli għalih minflok ma ġiet irtirata. Il-kuntratt il-ġdid jagħti s-setgħa lill-konċessjonarju li jittrasferixxi l-konċessjoni lil terzi, u b'hekk allegatament ingħata opportunità biex jagħmel profitt konsiderevoli mingħajr gwadann għall-kaxxa ta' Malta.[6]

## Deċiżjoni dwar l-Ammessibilità tal-Ilment

13. L-ilment jikkonċerna l-korrettezza fattwali ta' kummenti pubbliċi li għamel l-Onor. Alex Borg dwar ir-responsabbiltà għar-restawr tas-swar tal-

---

3 Ara l-minuti tal-laqgħa tal-Kumitat tas-26 ta' Ġunju 2024, aċċessibbli minn https://parlament.mt/media/130519/20242606_012m_nao.docx.

4 Ara l-minuti tal-laqgħa tal-Kamra tat-2 ta' Lulju 2024, aċċessibbli minn https://parlament.mt/media/129499/20240702_254m_par.pdf.

5 Ara https://newsbook.com.mt/la-l-gvern-u-lanqas-l-izviluppatur-mghandhom-jeqirdu-parti-mill-istorja-tal-gzejjer-maltin/, u https://www.maltatoday.com.mt/news/national/132691/ngos_slam_planning_authoritys_nod_to_destruction_of_british_barracks_in_fort_chambray.

6 Ara https://theshiftnews.com/2024/06/26/fort-chambray-transfer-approved-by-pl-and-pn-mps-public-will-not-get-a-cent/.

Forti Chambray. Fil-kuntest tat-taqsima 4 tal-kuntratt ta' varjazzjoni, intitolat "*Works on the Fortifications*", dawn il-kummenti ttieħdu bħala referenza sew għar-restawr tas-swar u sew għat-tisħiħ tal-art ta' taħthom. Is-sottoskritt ma kkunsidrax jekk l-Onor. Borg għamilx kummenti dwar aspetti oħra tal-konċessjoni, ġaladarba ebda kummenti simili ma ssemmew fl-ilment.

14. L-Ilmentatur jirreferi għall-artikoli 1 u 2 tal-kodiċi ta' etika tad-deputati. Dawn jgħidu hekk:

> *1. Membru tal-Kamra tad-Deputati għandu f'kull waqt, sew jekk ġewwa jew barra l-Kamra, iġib ruħu b'mod li jkun jixhed l-istatus u d-dinjità tal-Kamra tad-Deputati.*
>
> *2. Membru tal-Kamra tad-Deputati għandu jkun konformi mal-ispirtu u l-ittra tar-regoli tal-Kamra tad-Deputati u mar-regoli tal-kumitati tagħha kif debitament imwaqqfin bl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra jew ma' kull riżoluzzjoni li tiġi approvata mill-Kamra tad-Deputati.*

15. Is-sottoskritt deherlu li l-artikolu 1 tal-kodiċi huwa potenzjalment relevanti għall-ilment, mentri l-artikolu 2 m'għandux relevanza. Għaldaqstant deherlu li kellu jibda indaġni preliminari dwar l-ilment fil-kuntest tal-artikolu 1.

**Indaġni Preliminari**

16. Fl-20 ta' Awwissu 2024, is-sottoskritt kiteb lill-Onor. Alex Borg (ittra annessa bħala d-**Dokument D**) biex jirreferilu l-ilment u jitlob il-veduti tiegħu dwaru. L-Onor. Borg intalab ukoll jgħid jekk fil-fehma tiegħu kienx korrett l-Ilmentatur fl-interpretazzjoni tal-kuntratt ta' varjazzjoni.

17. L-Onor. Borg wieġeb permezz ta' email fid-19 ta' Settembru 2024 (annessa bħala d-**Dokument E**). Huwa qal:

> *Ma naqbilx ma' dak li qed isostni s-Sur Jesmond Bonello u jidher li ma qarax tajjeb il-kuntratt ta' konċessjoni enfitewtika kif se jiġi varjat bl-approvazzjoni tal-Parlament. Infatti, filwaqt li jibqa' obbligu legali tal-Gvern li jagħmel it-tiswijiet meħtieġa fuq il-fortifikazzjonijiet ta' Chambray,* [...] *il-Gvern irriżerva d-dritt li jidħol f'arranġament ma' terzi fejn dawn tal-aħħar jobbligaw ruħhom li jeżegwixxu jew jipprokuraw l-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet meħtieġa għal dawn it-tiswijiet u li anke jħallsu lill-kuntratturi relattivi għal dawn ix-xogħlijiet, u mbagħad jiġu kkompensati permezz ta' tpaċija kontra taxxi u oneri oħra li jistgħu jiġu*

*dovuti minnhom lill-Gvern matul iż-żmien. Apparti l-kuntratt ta' reviżjoni enfitewtika, il-Gvern infatti se jidħol ukoll f'kuntratt ieħor mal-konċessjonarju l-ġdid biex jirregola dawn ix-xogħlijiet.*

*Dan l-arranġament mhux biss se jneħħi minn fuq il-Gvern l-obbligu prattiku tal-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet (li xorta waħda l-Gvern naqas milli jagħmel għal diversi snin) iżda wkoll se jagħti vantaġġ qawwi ta' 'cashflow' lill-Gvern fis-sens li l-Gvern mhux se joħroġ flus immedjati lill-kuntratturi (il-konċessjonarju se jagħmel dan) imma se jikkompensa għax-xogħlijiet gradwalment bi tpaċija kontra taxxi u ammonti oħra dovuti minn żmien għal żmien mill-konċessjonarju.*

**Konsiderazzjonijiet**

18. B'reazzjoni għal dawn il-punti, is-sottoskritt osserva li:

(a) Fil-kitba tiegħu fuq Facebook (Dokument B), l-Onor. Alex Borg qal "*Jien nitlaq mill-premessa li l-Gvern ma kienx kapaċi u mhuwiex kapaċi li jirrestawra l-elementi storiċi u ħalla dawn is-snin kollha u għadu ma għamel xejn kif obbligat jagħmel. Fit-trasferiment lis-sidien il-ġodda din ir-responsabbiltà ġiet trasferita lill-privat filwaqt li dawk l-elementi storiċi jibqgħu propjetà tal-Gvern.* [...] *Sempliċiment it-tisħiħ tagħhom* [tas-swar] *huwa issa responsabbiltà tas-sid il-ġdid*."

(b) Fl-intervista ma' *MaltaToday* (Dokument Ċ), l-Onor. Borg qal "*Il-gvern kien suppost irranġa s-swar. Issa li l-gvern falla u m'għamilhiex dik il-ħaġa, il-privat qed jidħlu biex jagħmlu huma t-tiswijiet tal-iswar biex inżommu l-fortifikazzjoni kif inhi*."

(ċ) Huwa ċar mit-taqsima 4 tal-kuntratt ta' varjazzjoni approvat mill-Kamra tad-Deputati fit-2 ta' Lulju 2024 li l-gvern baqa' responsabbli għar-restawr tas-swar u t-tisħiħ tal-art ta' taħt is-swar. Infatti l-gvern intrabat li jlesti dan ix-xogħol fi żmien sitt snin minn meta joħroġ il-permess għalih. Għalkemm il-gvern jista' jiftiehem mal-konċessjonarji jew ma' terzi biex jagħmlu dan ix-xogħol huma, xorta jibqa' obbligat iħallas l-ispejjeż tax-xogħol.

(d) L-Onor. Borg irrikonoxxa dan b'mod indirett fir-risposta tiegħu lil dan l-Uffiċċju, fejn qal li "*l-Gvern mhux se joħroġ flus immedjati lill-kuntratturi (il-konċessjonarju se jagħmel dan) imma se jikkompensa għax-xogħlijiet gradwalment bi tpaċija kontra taxxi u ammonti oħra dovuti minn zmien għal zmien mill-konċessjonarju*."

(e) Madankollu, fil-kitba tiegħu fuq Facebook tal-1 ta’ Lulju 2024 u fl-intervista tiegħu ma’ *MaltaToday*, l-Onor. Borg imkien ma indika li l-gvern baqa’ obbligat iħallas għar-restawr tas-swar tal-Forti Chambray u t-tisħiħ tal-art ta’ taħthom.

**Investigazzjoni formali**

19. Fid-dawl ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet, is-sottoskritt deherlu li kellu jiftaħ investigazzjoni formali tal-ilment. Fid-9 ta’ Jannar 2025, huwa kiteb lill-Onor. Borg (**Dokument F**) biex jinfurmah b’dan, ifornih bit-traskrizzjoni tal-intervista magħmula minn dan l-Uffiċċju, u jagħtih opportunità biex jagħmel sottomissjonijiet finali għall-finijiet tal-artikolu 18(3) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika.

20. L-Onor. Borg wieġeb fid-9 ta’ Frar 2025 (**Dokument G**). Huwa qal:

> [...] *nixtieq niċċara li l-pożizzjoni tiegħi dwar is-suġġett tal-Forti Chambray hija riflessjoni ta’ diskussjoni li saret fuq livell parlamentari, fejn dan il-vot u dan il-ftehim kienu approvati mhux biss minni personalment, iżda mill-Parlament kollu kemm hu – inkluż kemm mill-membri tal-Partit Nazzjonalista kif ukoll mill-membri tal-Partit Laburista; b’dan illi kwalunkwe dokumenti kienu aċċessibbli għal kull membru parlamentari, b’kull membru liberu li jiehu d-deċiżjoni għalih/a jekk jaqbilx jew le.*
>
> *Meta nsemmi kwistjonijiet ta’ governanza u obbligi pubbliċi, ma jkunx intenzjonat li jsir tagħwiġ tal-fatti, iżda li jsir enfasi fuq il-kuntest usa’ tal-kwistjoni sabiex in-nies ikunu infurmati b’mod ċar. Għaldaqstant, għalkemm il-kuntratt jindika ċertu responsabbiltajiet tal-Gvern rigward ix-xogħol tar-restawr u t-tisħiħ tas-swar, il-kritika tiegħi kienet iffukata fuq il-fatt li dawn ir-responsabbiltajiet ma ġewx implimentati b’mod mgħaġġel jew effettiv fil-passat, u l-konċessjoni kienet meqjusa bħala pass meħtieġ biex jiġu salvati l-elementi storiċi.*
>
> *Meta qajjem il-punt li l-konċessjonarju qed jikkontribwixxi għat-tisħiħ u r-restawr permezz ta’ tpaċija ta’ spejjeż u ħlasijiet, dan kien ifisser ukoll li l-Gvern effettivament m’għandux joħroġ fondi immedjati – xi ħaġa li tfisser ġestjoni aħjar tal-flus pubbliċi, iżda b’responsabbiltà fuq żmien fit-tul.*

*B'danakollu, napprezza li ninsab taħt l-iskrutinju pubbliku u lest li nkun kollaborattiv sabiex dan il-proċess jiġi konkluż b'mod ċar, u b'rispett lejn il-prinċipji ta' trasparenza u governanza tajba.*

**Konsiderazzjonijiet finali**

21. Jibqa' l-fatt li fil-kitba tiegħu fuq Facebook, kif ukoll fl-intervista tiegħu ma' *MaltaToday*, l-Onor. Alex Borg ma indikax li l-gvern baqa' obbligat iħallas għar-restawr tas-swar u t-tisħiħ tal-art ta' taħthom.

22. Kif osserva s-sottoskritt fil-kuntest ta' lment ieħor,[7] il-Kodiċi ta' Etika tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati ma jobbligax id-deputati parlamentari li jgħidu l-verità. Huwa biss il-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari (li jinsab fit-tieni skeda tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika) li jinkorpora dan l-obbligu. Jekk deputat li mhux ministru jagħmel stqarrija inveritiera, jista' jinstab ħati ta' ksur ta' etika biss jekk dan l-aġir jitqies li ma jixhidx l-istatus u d-dinjità tal-Kamra tad-Deputati, u b'hekk jikser l-artikolu 1 tal-kodiċi ta' etika tad-deputati.

23. Is-sottoskritt osserva wkoll li l-artikolu 1 tal-kodiċi ta' etika tad-deputati għandu tragward għoli. Stqarrija inveritiera da parti ta' deputat ma tammontax awtomatikament għal ksur tal-artikolu 1. Għandu jkun hemm raġunijiet partikolari biex dan l-aġir jitqies ksur tiegħu. Għalhekk is-sottoskritt iddeċieda li ma kellux ikompli jinvestiga l-ilment li jissemma fil-paragrafu preċedenti.

24. Madankollu, fil-fehma tas-sottoskritt it-tragward intlaħaq fil-każ preżenti. Ir-raġuni hi li l-kummenti pubbliċi tal-Onor. Borg kienu maħsuba biex jiġġustifikaw il-vot tiegħu fil-Kumitat u fil-Kamra tad-Deputati dwar ir-reviżjoni tal-konċessjoni, materja li ħolqot kontroversja għaliex allegatament tiffavorixxi interessi privati a skapitu tal-interess pubbliku. Il-fatt li għal dan il-għan l-Onor. Borg ippreżenta verżjoni parzjali tal-fatti xejn ma jagħti serħan il-moħħ lil min għandu dubji dwar il-merti tal-konċessjoni riveduta. Jekk deputat parlamentari jagħmel stqarrija inveritiera dwar materja bħal din, jagħti x'jifhem li ma jistax jiġġustifika l-vot tiegħu mingħajr ma jirrikorri għall-qerq. Dan jitfa' dubju fuq il-motivazzjonijiet tiegħu u jimmina l-istatus u d-dinjità tal-Kamra tad-Deputati.

---

[7] Deċiżjoni datata 17 ta' Diċembru 2024 li m'għandux ikompli jiġi investigat l-ilment numru 186.

25. Għandu jiġi enfasizzat però li minkejja r-rabta bejn il-kummenti pubbliċi tal-Onor. Borg u l-mozzjoni parlamentari, il-ksur ta' etika jirriżulta min-nuqqas ta' korrettezza fattwali tal-kummenti tiegħu, u mhux minn kif ivvota dwar il-mozzjoni. Is-sottoskritt ma jistax isib deputat ħati ta' ksur ta' etika għaliex ma jaqbilx mal-vot tiegħu fil-Parlament.

26. Fis-6 ta' Jannar 2025, il-ġurnal *Times of Malta* irrapporta li l-Onor. Borg qal "*'eventually yes', the money spent by new concessionaires on restoration works will be reimbursed through tax exemptions on their capital gains*".[8] B'hekk l-Onor. Borg irrikonoxxa li l-gvern obbligat iħallas għar-restawr tas-swar, u kkoreġa l-verżjoni tal-fatti li kien ta fil-kummenti li rrefera għalihom l-Ilmentatur.

27. Dan huwa fattur attenwanti li jnaqqas il-gravità tal-każ u jagħti lok biex il-każ jiġi konkluż taħt l-artikolu 22(5) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika. Bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Kummissarju għall-Istandards jista' jagħlaq każ jekk ma jkunx ta' xorta gravi u l-persuna li ġiet investigata tirrimedja l-ksur ta' etika b'mod li l-Kummissarju jqis adegwat. B'hekk il-każ ma jiġix riferut għall-konsiderazzjoni tal-Kumitat Permanenti tal-Parlament dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika.

### Korrispondenza Sussegwenti mal-Onor. Alex Borg

28. Fis-7 ta' Marzu 2025, is-sottoskritt kiteb lill-Onor. Borg (**Dokument H**) biex jinfurmah b'dawn il-konsiderazzjonijiet u jipproponi li l-każ jiġi konkluż taħt l-artikolu 22(5) tal-Att abbażi ta' apoloġija bil-miktub. L-Onor. Borg intalab iwieġeb sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa 4 ta' April 2025, iżda ma bagħat ebda tweġiba.

29. Għalhekk is-sottoskritt inkariga d-Direttur Ġenerali ta' dan l-Uffiċċju biex jibgħat email lill-Onor. Borg u jinfurmah li jekk ma jweġibx sal-Ġimgħa 11 ta' April 2025, is-sottoskritt jikkonkludi l-każ kif jidhirlu xieraq fiċ-ċirkostanzi (**Dokument I**). L-Onor. Borg baqa' ma weġibx.

---

8 Ara https://timesofmalta.com/article/fort-chambray-restoration-costs-paid-taxpayers.1103292.

**Konklużjoni**

30. Għar-raġunijiet mogħtija f'dan ir-rapport, is-sottoskritt wasal għall-konklużjoni li dan il-każ jirrappreżenta ksur tal-artikolu 1 tal-Kodiċi ta' Etika tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati.

31. Is-sottoskritt deherlu madankollu li hemm fattur attenwanti li jagħti lok biex il-każ jiġi konkluż taħt l-artikolu 22(5) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika. Għalhekk huwa talab apoloġija mingħand l-Onor. Alex Borg. Ġaladarba ma ngħatatx apoloġija, dan ir-rapport qed jiġi sottomess lill-Kumitat dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika skont l-artikolu 22(3) tal-istess Att bil-għan li jiġi kkunsidrat skont l-artikolu 27 u 28 tal-Att.

32. Skont il-proċedura miftehma mal-Kumitat fit-2 ta' April 2019, dan l-Uffiċċju qed jinforma lill-Ilmentatur u lill-Onor. Borg li r-rapport ġie sottomess lill-Kumitat, u dan mingħajr ma jingħataw kopja tiegħu. Huwa rakkomandat li l-Kumitat jirrilaxxa dan ir-rapport kemm jista' jkun malajr fl-interess tat-trasparenza.

**Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi**
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

**Dokumenti Annessi**

| | |
|---|---|
| Dokument A | Ittra datata 24 ta' Lulju 2024 mingħand is-Sur Jesmond Bonello. |
| Dokument B | Screenshot ta' starrija ppubblikata mill-Onorevoli Alex Borg fuq Facebook fl-1 ta' Lulju 2024. |
| Dokument Ċ | Traskrizzjoni ta' silta minn intervista mal-Onor. Borg li ġiet ippubblikata mill-ġurnal *MaltaToday* fis-7 ta' Lulju 2024. |
| Dokument D | Ittra datata 20 ta' Awwissu 2024 lill-Onor. Borg. |
| Dokument E | Email datata 19 ta' Settembru 2024 mingħand l-Onor. Borg. |
| Dokument F | Ittra datata 9 ta' Jannar 2025 lill-Onor. Borg. |
| Dokument G | Email datata 9 ta' Frar 2025 mingħand l-Onor. Borg. |
| Dokument H | Ittra datata 7 ta' Marzu 2025 lill-Onor. Borg. |
| Dokument I | Email datata 8 ta' April 2025 lill-Onor. Borg. |

DOKUMENT A

24 ta' Lulju 2024

**Prim Imhallef Emeritu Joseph Azzopardi**
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika
11, Triq San Pawl,
Valletta VLT 1210

Sur Kummissarju,

Niktiblek b'riferenza għall-kummenti li għamel il-Membru Parlamentari l-Onorevoli Alex Borg f' *post* li tella' fuq il- *facebook page* tiegħu nhar l-1 ta' Lulju, 2024 b'riferenza għall-proġett ta' Fort Chambray u anke kummenti li ta f'intervisti lill-media sussegwentement. Huwa ċar li biex jiġġustifika l-pożizzjoni tiegħu l-Onorevoli Borg ibbaża fuq preżentazzjoni ta' argumenti li m'għandhomx mis-sewwa. Filwaqt li Deputat Parlamentari għandu kull dritt jieħu liema pożizzjoni jaħseb li hi l-aħjar, m'għandu qatt jiġġustifika dan b' argumenti qarrieqa u li m'għandhomx mil-verità kif ġara f'dan il-każ.

Kif jirriżulta mill-*post* [hawn annessa u mmarkata bħala **Dokument A**], l-Onorevoli Borg tenna li, fil-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika, huwa vvota favur ir-reviżjoni tal-konċessjoni enfitewtika relattiva għall-proġett, fost oħrajn għaliex il-Gvern reħa minn idejh l-obbligu kuntrattwali li jirrestawra l-fortifikazzjonijiet u minflok xehet dan l-obbligu fuq il-koncessjonarju l-ġdid. L-Onorevoli Borg itenni li *"l-Gvern ma kienx kapaċi u mhuwiex kapaċi li jirrestawra l-elementi storiċi u ħalla dawn is-snin kollha u għadu ma għamel xejn kif kien obbligat jagħmel."*

Pero', jekk wieħed ihares lejn il-klawsola erba' (4) tal-kuntratt ta' konċessjoni enfitewtika relattiv, approvat mill-Parlament nhar l-1 ta' Lulju 2024 [hawn anness u mmarkat bħala **Dokument B**], jirriżulta propju l-invers ta' dak li l-Onorevoli Borg iddikjara pubblikamet dwar dan l-obbligu kuntrattwali.

[redacted]

Iktar minn hekk dan irrepetih meta intervistat mill-ġurnalist Matthew Farrugia tal-Maltatoday nhar il-Ħadd 14 ta' Lulju u mxandra online fil-jiem ta' wara.[1] Fost oħrajn, kif jidher fil-filmat, qal: "Il-Gvern kien suppost irranġa s-swar. Issa li l-Gvern falla, m'għamilhiex dik il-ħaġa, il-privat qed jidħlu huma biex jagħmlu t-tiswijiet tal-iswar biex inżommu il-fortifikazzjoni kif inhi." Din ma tirriżultax mill-kuntratt u filwaqt li l-kuntratt kien skrutinizzat mill-kumitat tal-verifika, huwa ksur ta' etika, kif anke stabbilit mill-uffiċċju tiegħek, li deputat jagħti informazzjoni żbaljata lill-ġurnalisti. Speċjalment meta hawn qed nitkellmu fuq każ li ma ħax is-snin iżda ħa biss ftit tal-ġimgħat biex ġie mistoqsi dwaru.

Jiġi b'hekk li permezz ta' din il-facebook post u l-kummenti li ta wara, l-Onorevoli Borg konxjament u intenzjonalment ta misinformazzjoni li tiżgwida lill-pubbliku dwar il-kontenut tal-konċessjoni enfitewtika relattiva approvata mill-Parlament

Ċertament li dan il-komportament ma jixhidx *"l-istatus u d-dinjità tal-Kamra tad-Deputati"* kif lanqas ma hu konfromi *"mal-ispirtu u l-ittra tar-regoli tal-Kamra tad-Deputati u mar-regoli tal-kumitati tagħha."*

Għalhekk, bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilek ai termini tal-artikolu 13 tal-Att dwar *Standards* fil-Ħajja Pubblika [Kap 570 tal-Ligijiet ta' Malta], nitolbok ġentilment sabiex tinvestiga dan il-każ ċar ta' ksur, *da parti* tal-Onorevoli Borg, tad-dmirijiet statutorji u etiċi tiegħu, fost oħrajn [iżda mhux biss] fid-dawl ta' dak li jipprovdu l-paragrafi 1 u 2 tal-ewwel skeda tal-Att.

Inselli Għalik,

[redacted]

Jesmond Bonello

[redacted](m)

---

1 https://www.maltatoday.com.mt/news/interview/130108/watch_alex_borg_the_pn_won_back_gozo_because_the_pl_failed_gozitans

DOKUMENT B



**Alex Borg**

1 July ·

Dawn il-jiem kellmuni diversi nies jistaqsuni dwar il-kwistjoni ta' Fort Chambray.

Nibda biex ngħid l-ebda ġurnalist ma saqsini għala u kif ivvutajt waqt il-kumitat dwar din il-konċessjoni u oħrajn. Jien miftuħ biex nirrispondi kull mistoqsija.

L-kumplament il-paroli li intefa' fuq il-midja soċjali hija biss misinformazzjoni. Jkun sew li wieħed jistaqsi l-mistoqsijiet iebsin kemm huma iebsin u li wieħed jingħata ċ-ċans li jirrispondihom.

Ma ġara xejn. In-nies ġustament saqsewni il-mistoqsijiet fuq xiex qraw u irrispondejthom wieħed wieħed.

Ta' min jgħid qabel ħadna il-vot dħalt u studjajt il-materja sewwa. U bla informazzjoni, faċli wieħed jgħaġġel u jgħid din ħadma oħra. F'dan il-każ tlaqt bl-istess suspett.

Jien magħmul li każ tarah waħdu u tieħu dak li ħaqqek.

Hawn huma ftit mill-mistoqsijiet li ġejt mistoqsi.

1. Kif ma ivvutajtx biex bħala stat nieħdu l-art lura? Wara kollox dik art b'ċens tal-Gvern marbuta b'obbligi.

Żball numru wieħed - huma biss l-elementi storiċi li huma taħt ċens il-bqija huma art kompletament privata. Il-konċessjoni tal-elementi storiċi bħas-swar, il-barracks, il-foss, il-Polversita etc jirkjedu li l-Parlament jivvota fuq trasferimenti tal-koncessjoni.

2. Hekk sewwa però is-swar ha jaqa, ma giex irranġat u hemm kollox ħa jaqa...

Din hija proprjament għaliex ivvutajt iva. Jien nitlaq mill-premessa li l-Gvern ma kienx kapaċi u mhuwiex kapaċi li jirrestawra l-elementi storiċi u ħalla dawn is-snin kollha u għadu ma għamel xejn kif kien obbligat jagħmel. Fit-trasferiment lis-sidien il-ġodda din ir-responsabbiltà ġiet trasferita lill-privat filwaqt li dawk l-elementi storiċi jibqgħu propjetà tal-Gvern. Il-Gvern qata' qalbu. L-inkapaċità tal-Gvern li jaqdi dmiru waslitna f'punt li aħjar dawn ix-xogħlijiet jieħu ħsiebhom min għandu interess li dawn isiru illum qabel għada. Dawn ix-xogħlijiet issa għaddew għand il-privat filwaqt dawn l-elementi jibqgħu totalment pubbliċi. Mawra sal-post u ftit ritratti juru ċar f'liema stat qegħda l-forti. Irid isir xi ħaġa llum qabel għada. U li Il-foss isir spazju pubbliku u storiku li jitgawda minn kulħadd bħal postijiet oħra f'Malta u Għawdex. U ħaġa oħra, bħal dawn il-postijiet hawn oħrajn f'Għawdex li fuqhom mhu jsir xejn - f'moħħi jiġini t-Torri tal-Qbajjar tax-Xwejni - jekk ma nagħmlu xejn se jintilef il-wirt. Wieħed jistaqsi postijiet bħal dawn kinux aħjar qabel milli issa.

3. Sewwa però inkissru l-obbligi fuq il-konċessjoni preċedenti - il-lukanda kellha tiġi mibnija wara erba' snin mill-iffirmar tal-konċessjoni

Żball ieħor u misinfirmazzjoni oħra. Erba' snin mill-approvazzjoni tal-PERMESS tal-ippjanar. Dak il-permess qatt ma seta' jinġieb proprju għax l-ewwel ma hemm bżonn hija propju tisħiħ

Żball ieħor u misinfirmazzjoni oħra. Erba' snin mill-approvazzjoni tal-PERMESS tal-ippjanar. Dak il-permess qatt ma seta' jinġieb proprju għax l-ewwel ma hemm bżonn hija propju tisħiħ strutturali tas-swar tal-forti.

4. Imma il-valur tbiddel...flus tal-llum mhumiex ta' dakinhar.

Din iddur mat-terminu. It-terminu ma inbiddilx, kieku t-terminu inbidel jew reġgħu bdew il-mitt sena kont nivvota kontra għax ovvjament il-valur inbidel. L-arloġġ baqa għaddej u minflok sid A issa l-konċessjoni tgħajjat sid B.

5. Jiġifieri issa s-swar ġejjin tal-privat?
Le. Qatt ma kienu u qatt mhu se jkunu. Sempliċiment it-tisħiħ tagħhom huwa issa responsabbiltà tas-sid il-ġdid.

L-aħwa jien ma nsib ebda problema nirrispondi l-mistoqsijiet. Jien ċar u skjett ma kulħadd. Li hu ħażin qatt ma sibt problema ngħid li hu ħażin akkost li tiswieli ħbiberija jew xi ħadd idawwar wiċċu n-naħa l-oħra.

Dan proġett li fl-opinjoni tiegħi suppost ilu komplut imma sforz in-nuqqas tal-Gvern sa issa għadna b'xiber imnieħer. B'dawn il-kundizzjonijiet ġodda nemmen li dan il-proġett jista' fl-aħħar jiġi komplut u jista' jkollna proġett sosstenibbli li jġib turist ta' kwalità u mhux kwantità.

Inkomplu naħdmu.



211 — 27 comments 7 shares

Intervista bejn l-Onor. Alex Borg u s-Sur Matthew Farrugia ippubblikata minn Maltatoday fis-7 ta' Lulju 2024

https://www.maltatoday.com.mt/news/interview/130108/watch_alex_borg_the_pn_won_back_gozo_because_the_pl_failed_gozitans

Ġurnalist: Każ speċifiku li tkellimt fuqu anke din il-ġimgħa, Fort Chambray. Jekk immur naqra iktar lura naħseb ħafna Għawdxin u anke Maltin, jaqblu li falliment ta' dan il-Gvern jew xi ħaġa li mhux qed jogħġobhom huwa l-għoti ta' art pubblika lill-privat. Minkejja dan kemm inti, imma anke l-partit il-Partit Nazzjonalista vvutaw flimkien mal-Partit Laburista biex Fort Chambray jingħata għall-iżvilupp, konferma ta' deċiżjoni li ilha snin qabel il-vot ta' din il-ġimgħa. Ma taħsibx li tkunu qed tagħtu raġun lin-nies li jemmnu li isma', il-ġiex partiti vera għandhom kulur differenti, imma fl-aħħar mill-aħħar l-istess azzjonijiet, immexxijin mill-istess nies, l-istess interessi. Ma taħsibx li tkunu qed tagħtuhom raġun, lil min jaħseb hekk?

AB: Però, huwa tajjeb li taħseb hekk u, fil-fatt dawn huma diversi mistoqsijiet li rċivejt tul dawn l-aħħar ġranet hekk kif ħafna persuni raw artikli fuq il-mezzi soċjali illi ma kinux totalment korretti. Jiena kelli l-opportunità li tul dawn l-aħħar ġranet, hekk kif kont naf illi ħa naslu għal dan il-vot, iltqajt ma' diversi persuni li huma 'l barra minn din il-konċessjoni u persuni li huma involuti totalment f'din il-konċessjoni, rajt il-kuntratti li kien hemm kemm fl-2005, kif ukoll l-amendments li kien hemm fl-2010 u l-kuntratt ġdid illi issa għamilna bħala Parlament, it-trasferiment minn sid għall-ieħor u il-fatt inti għidtli din l-art pubblika ingħatat lill-privat, però l-problema hi li din kienet diġà art privata. Fl-2005, il-gvern ta b'konċessjoni l-art ta' Chambray lill-privat bħala freehold jiġifieri ġiet totalment privata ma baqgħetx pubblika ħlief l-artijiet, l-affarijiet storiċi li hemm go Chambray, is-swar, id-diversi kmamar li hemm tal-Kavallieri hemm il-polverista li dawn baqgħu b'konċessjoni b'ċens però baqgħu proprjetà tal-gvern. Il-bqija kollha hija art privata jiġifieri dan ma mhijiex art pubblika.

Ġurnalist: Jiġifieri qed tgħid li ngħatat mill-gvern nazzjonalista ieħor, taż-żmien ieħor?

AB: Imma dik ingħatat lill-privat biex isir l-investiment, aħna dejjem nitkellmu fuq affarijiet ta' kwalità għal Għawdex. Jiġifieri din hija eżempju ċar ta' fejn irridu mmorru b'Għawdex b'ħarsien lejn l-identità Għawdxija. Iġifieri dan l-investituri mhux ha jibnu blokok flats f'Chambray, mhux ha jibnu xi triq f'nofs Chambray imma dawn ħa jagħmlu investiment biex jattiraw turisti ta' kwalità ġewwa Għawdex, u apparti hekk issa b'dan it-trasferiment minn persuna għal konsorzjum ġdid dawn qed jiggarantixxu illi issa se jagħmlu dak li suppost għamel il-Gvern, illi naqas milli għamel Gvern. Il-Gvern kien suppost irranġa s-swar. Issa li l-Gvern falla u m'għamilhiex dik il-ħaġa, il-privat qed jidħlu biex jagħmlu huma t-tiswijiet tal-iswar biex inżommu il-fortifikazzjoni kif inhi. Illum il-fortifikazzjoni ta' madwar Chambray qiegħda fi stat dekadenti ħafna, jiġifieri rajt ir-ritratti tal-biza' jiġifieri

hemm il-fili ħoxnin kważi pied jiġifieri jidħol kważi bniedem ġol-fili li hemm ġol-is-swar. Tant qiegħda fi stat ħażin illi jekk ma jkunx hemm investiment fis-swar illum qabel għada dawn is-swali se jispiċċaw jew jaqgħu jew fi stat verament dekadenti. Apparti hekk issa għall-kuntrarju ta' dak ta' qabel id-ditch se tiġi pubblika ħa tkun miftuħa għall-pubbliku, li qabel ma kinitx miftuħ għall-pubbliku u għalhekk id-ditch kollha ta' madwar Chambray ser tkun open għall-public kollu jiġifieri pubbliku jista' jmur igawdi l-ħin hemmhekk mal-familja tiegħu li qabel ma kinitx din. Apparti hekk peress illi issa ser ikun hemm investiment fuq lukanda u restaurants u cafeterias ġewwa Chambray dawn huma miftuħin għall-pubbliku jiġifieri jiena pereżempju jekk qabel kont immur nieħu kafè x'imkien ir-Rabat jew whatever nista' nagħmel meeting pereżempju, nieħu kafe ġewwa il-cafeterias li jkun hemm, jiġifieri huma open għall-pubbliku kollu.

Però l-iktar ħaġa importanti hija din illi din ma kinitx art pubblika, din hija art privata, apparti kif għedtlek l-affarijiet storiċi li hemm ġewwa Chambray bħall-polverista, bħall-fortifikazzjonijiet bħad-dar tal-kavallieri illi dawn ha jibqgħu tal-Gvern u ħa jibqgħu mħarsa mill-Gvern u kulma huma ingħataw b'ċens u ċ-ċens baqa' għaddej bħal qabel ma nbidel xejn. Jiġifieri inti jekk issa għaddew mill-2005 sal-lum, 13-il sena, issa baqa' eighty xi ħaġa years jiġifieri inti ċ-ċens ħa jkompli għaddej. Ma reġax beda minn issa imma jkompli għaddej kif kien għaddej qabel. Però l-iktar ħaġa importanti illi din hija eżempju ċar ieħor ta' kif irridu lil Għawdex irid ikun hemm investiment ta' kwalità ġewwa Għawdex biex jagħti spinta l-fuq l-ekonomija Għawdxija b'ħarsien lejn l-identità Għawdxija għaliex dawn kif għedtlek mhumiex ħa jibnu blokok ta' flats li ma jagħmlux sens, mhumiex ħa jibnu xi affarijiet li huma eyesore imma xi ħaġa li tikkumplimenta dak illi għandna ġewwa Chambray.

Ġurnalist: Il-konċessjonijiet tat-tliet sptarijiet kellha l-istess idea wkoll jiġifieri mhux dejjem jaħdmu.

AB: Le però il-konċessjoni tal-isptarijiet –

Ġurnalist: Rajna li mhux dejjem jaħdmu ejja ngħidu hekk. Ma taħsibx illi jien naf forsi kieku din l-art reġgħet ittieħdet mill-Gvern saret pubblika tranġat mill-Gvern, saret mużew u fejn għax mbagħad għandek dawn il-ħsibijiet illi l-ġiex partiti t-tnejn li huma huma viċin ħafna big business.

AB: Hemm totalment differenza kbira bejn il-konċessjoni tal-vitals u l-konċessjoni ta' Chambray. Vitals, fil-konċessjoni il-privat illi ingħata jiġifieri, oriġinarjament Vitals imbagħad Steward ma żammewx mal-obbligi kuntrattwali tagħhom u għalhekk kien fl-obbligu tal-Gvern illi jieħu dak li ngħata l-privat u l-privat ma żammx mal-obbligi kuntrattwali u jieħdu l-Gvern u jagħmel investimenti li suppost saru mill-privat.

Min-naħa ta' Chambray, il-privat żamm mal-obbligi kuntrattwali tiegħu, jiġifieri, imma il-Gvern ma żammx mal-obbligi tiegħu jiġifieri s-swar li suppost tranġaw u l-affarijiet li kellu jagħmel il-Gvern ma sarux. Allura kif nistgħu jekk l-art hija tal-privat u żamm mal-

obbligi tiegħu u issa ingħatat lill-privat ieħor li ser jagħmel l-investimenti li suppost għamel il-gvern ma nħallux għaddej? Jiġifieri inti l-istat li qiegħed Chambray llum il-ġurnata qiegħed tant fi stat ħażin minħabba ċertu nuqqasijiet min-naħa tal-Gvern illi jekk inħalluh għaddej mhux sena, jekk inħalluh għaddej ftit xhur oħra da ħa jispiċċa jaqa' kollox u nitilfu din il-ġawhra li għandna ġewwa Għawdex illi issa l-privat lest li jinvesti fiha, lest li jinvesti b'mod illi jżomm l-identità ta' din il-fortifikazzjoni u li ser tagħti żgur spinta l-fuq l-ekonomija Għawdxija.

Jiena dejjem emmint illi aħna rridu nattiraw il-kwalità mhux il-kwantità u nemmen li dan l-investiment ser jagħti spinta l-fuq lill-kwalità dejjem b'ħarsien l-identità. Jiġifieri jiena li kieku kont naf illi ser isir xi ħaġa mostruża li verament ma tikkumplimentax mal-identità ta' Chambray kont inkun l-ewwel wieħed li noġġezzjona żgur mhux forsi. Jiena meta kien hemm affarijiet li ma jogħġbunix dejjem oġġezzjonajt. Meta kien hemm taċ-Ċawla pereżempju illi riedu li bnew blokka flats fl-uniku open space li għandha ċ-Ċawla kont l-ewwel wieħed li ħriġt kontrih ġbart il-petitions ħriġt alternattiva ta' kif għandhom jagħmlu però baqa' għaddej il-Gvern romblu minn fuq kulħadd. It-triq ta' Marsalforn l-istess ma rajthiex li tagħmel sens illi din it-triq titwessa' u jinqataw 100 siġra u ħriġt kontra din il-ħaġa.

Però hawnhekk u anke aħna bħala Oppożizzjoni u anke gvern rajna li din il-ħaġa ħa tkun investiment tajjeb għal Għawdex u fl-aħħar mill-aħħar nerġgħu nagħtu ċertifikat ieħor li nemmnu anke fil-viżjoni ta' qabel tal-Partit Nazzjonalista. Kif għedt inti kien Gvern Nazzjonalista li ta din il-konċessjoni lill-privat għaliex dakinhar emmen Gvern Nazzjonalista illi din għandna opportunità tad-deheb illi jkun hemm spinta l-fuq l-ekonomija Għawdxija u issa llum erġajna tajna dik il-garanzija illi nemmnu f'dan il-proġett u nemmnu li jekk dan il-proġett iseħħ ser ikun ġawhra għal Għawdex li tagħti spinta l-fuq l-ekonomija Għawdxija.

Data tal-aħħar reviżjoni: 9 ta' Jannar 2025

DOKUMENT D

**Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika**

20 ta' Awwissu 2024

L-Onor. Alex Borg MP

Bl-email fuq contact@alexborg.mt

Onorevoli,

**Ilment nru 180 dwar stqarrijiet tiegħek in konnessjoni mal-Forti Chambray**

Dan l-Uffiċċju rċieva ilment fejn qed jiġi allegat li inti għamilt stqarrijiet mhux veritieri sabiex tiġġustifika l-pożizzjoni tiegħek dwar il-konċessjoni tal-Forti Chambray. L-ilment huwa mehmuż ma' din l-ittra, flimkien mad-dokumenti A u B annessi miegħu.

Jiena qed nikkunsidra dan l-ilment fid-dawl tal-artikolu 1 tal-Kodiċi ta' Etika tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati, li jinsab fl-ewwel skeda tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-kapitolu 570 tal-liġijiet ta' Malta).

Għall-finijiet tal-indaġni preliminari tiegħi, sabiex nistabbilixxi jekk hemmx lok għal investigazzjoni ta' dan l-ilment skont l-Att, inti ġentilment mitlub tagħti l-veduti tiegħek b'mod ġenerali dwar il-punti mqajma fl-ilment, u b'mod partikolari tgħidli jekk fil-fehma tiegħek hux korrett l-ilmentatur fl-interpretazzjoni tal-klawsola 4 tal-kuntratt approvat mill-Parlament fl-1 ta' Lulju 2024.

Napprezza risposta sa mhux aktar tard mill-**Ġimgħa 20 ta' Settembru 2024**. Aktar tard, jekk niddeċiedi li għandi ninvestiga dan il-każ, tista' tintalab tikkonferma r-risposta tiegħek bil-ġurament.

Inselliml ek,

Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

**From:** Alex Borg
**To:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life
**Subject:** Re: Ittra mingħand il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika
**Date:** Thursday, 19 September 2024 16:57:46

---

Lil min jikkonċerna,

Ma naqbilx ma dak li qed isostni s-Sur Jesmond Bonello u jidher li ma qarax tajjeb il-kuntratt ta' koncessjoni enfitewtika kif se jigi varjat bl-approvazzjoni tal-Parlament. Infatti, filwaqt li jibqa obbligu legali tal-Gvern li jaghmel it-tiswijiet mehtiega fuq il-fortifikazzjonijiet ta' Chambray, kif tghid l-istess klawzola erbgha (4) tal-istess kuntratt imsemmija mis-Sur Bonello, il-Gvern irrizerva d-dritt li jidhol f'arrangament ma' terzi fejn dawn tal-ahhar jobbligaw ruhhom li jezegwixxu jew jipprokuraw l-ezekuzzjoni tax-xogholijiet mehtiega ghal dawn it-tiswijiet u li anke jhallsu lill-kuntratturi relattivi ghal dawn ix-xogholijiet, u mbaghad jigu kkompensati permezz ta tpacija kontra taxxi u oneri ohra li jistghu jigu dovuti minnhom lill-Gvern matul iz-zmien. Apparti l-kuntratt ta' revizjoni enfitewtika, il-Gvern infatti se jidhol ukoll f'kuntratt iehor mal-koncessjonarju l-gdid biex jirregola dawn ix-xogholijiet.

Dan l-arrangament mhux biss se jnehhi minn fuq il-Gvern l-obbligu prattiku tal-ezekuzzjoni tax-xogholijiet (li xorta wahda l-Gvern naqas milli jaghmel ghal diversi snin) izda wkoll se jaghti vantagg qawwi ta' 'cashflow' lill-Gvern fis-sens li l-Gvern mhux se johrog flus immedjati lill-kuntratturi (il-koncessjonarju se jaghmel dan) imma se jikkompensa ghax-xoghlijiet gradwalment bi tpacija kontra taxxi u ammonti ohra dovuti minn zmein ghal zmien mill-koncessjonarju.

Din hija ovvjament sitwazzjoni fejn il-Gvern ghandu biss x'jirbah u mhux x'jitlef.

Grazzi u tislijiet,

---

**From:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life <charles.polidano@standardscommissioner.mt>
**Sent:** Tuesday, August 20, 2024 10:45 AM
**To:** Alex Borg <contact@alexborg.mt>
**Subject:** Ittra mingħand il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

Onor Alex Borg MP

Ġentilment mitlub tara l-ittra annessa, li hija mingħand il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika.

Nirringrazzjak,
Charles Polidano

**Charles Polidano**
Director General
Office of the Commissioner for Standards in Public Life
Tel: +356 2726 9593 Web: https://standardscommissioner.mt/

DOKUMENT F

**Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika**

9 ta' Jannar 2025

L-Onor. Alex Borg MP

Bl-email fuq contact@alexborg.mt

Onorevoli,

**Każ K/072 (ilment nru 180) dwar stqarrijiet tiegħek in konnessjoni mal-Forti Chambray**

Nirreferi għall-ittra ta' dan l-Uffiċċju tal-20 ta' Awwissu 2024 dwar l-ilment 180, u r-risposta tiegħek permezz ta' email datata 19 ta' Settembru 2024. Sussegwentement dan l-Uffiċċju deherlu li kellu jiftaħ investigazzjoni formali tal-ilment in kwistjoni fid-dawl tal-artikolu 1 tal-Kodiċi ta' Etika tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati, li jinsab fl-ewwel skeda tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-kapitolu 570 tal-liġijiet ta' Malta).

B'reazzjoni għar-risposta tiegħek tad-19 ta' Settembru 2024, dan l-Uffiċċju josserva li:

(a) Fil-kitba tiegħek fuq Facebook li rrefera għaliha l-ilmentatur, inti għedt *"Jien nitlaq mill-premessa li l-Gvern ma kienx kapaċi u mhuwiex kapaċi li jirrestawra l-elementi storiċi u ħalla dawn is-snin kollha u għadu ma għamel xejn kif obbligat jagħmel. Fit-trasferiment lis-sidien il-ġodda din ir-responsabbiltà ġiet trasferita lill-privat filwaqt li dawk l-elementi storiċi jibqgħu propjetà tal-Gvern.* [...] *Sempliċiment it-tisħiħ tagħhom* [tas-swar] *huwa issa responsabbiltà tas-sid il-ġdid."*

(b) Fl-intervista tiegħek mal-ġurnal *MaltaToday* li rrefera għaliha l-ilmentatur, inti għedt *"Il-Gvern kien suppost irranġa s-swar. Issa li l-Gvern falla u m'għamilhiex dik il-ħaġa, il-privat qed jidħlu biex jagħmlu huma t-tiswijiet tal-iswar biex inżommu l-fortifikazzjoni kif inhi."*

(c) Huwa ċar mit-taqsima 4 tal-kuntratt ta' trasferiment tal-konċessjoni tal-Forti Chambray li l-Gvern baqa' responsabbli għar-restawr tas-swar u t-tisħiħ tal-art ta' taħt is-swar. Infatti l-Gvern intrabat li jlesti dan ix-xogħol fi żmien sitt snin minn meta joħroġ il-permess għalih. Għalkemm il-Gvern jista' jiftiehem mal-konċessjonarji jew ma' terzi biex jagħmlu dan ix-xogħol huma, xorta jibqa' obbligat iħallas l-ispejjeż tax-xogħol.

(d) Dan inti rrikonoxxejtu b'mod indirett fir-risposta tiegħek lil dan l-Uffiċċju billi għedt li l-kuntratt *"se jagħti vantaġġ qawwi ta' 'cashflow' lill-Gvern fis-sens li l-Gvern mhux se joħroġ flus immedjati lill-kuntratturi (il-konċessjonarju se jagħmel dan) imma se jikkompensa għax-xogħlijiet gradwalment bi tpaċija kontra taxxi u ammonti oħra dovuti minn zmien għal zmien mill-konċessjonarju."*

(e) Madankollu, fil-kitba tiegħek fuq Facebook tal-1 ta' Lulju 2024 u fl-intervista ma' *MaltaToday*, inti mkien ma indikajt li l-Gvern baqa' obbligat iħallas għar-restawr tas-swar tal-Forti Chambray u t-tisħiħ tal-art ta' taħthom.

Dan l-Uffiċċju vverifika l-kitba u d-diskors tiegħek, kif ikkwotati fuq, direttament mas-sors rispettiv. Dan l-Uffiċċju pprepara traskrizzjoni tas-silta relevanti mill-intervista tiegħek ma' *MaltaToday*, u din qegħda tiġi fornuta lilek għall-finijiet tal-artikolu 18(3) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika.

Permezz ta' din l-ittra inti qiegħed ukoll tingħata l-opportunità biex tagħmel sottomissjonijiet finali. Inti mitlub tagħmel dan sa mhux aktar tard mill-**Ġimgħa 7 ta' Frar 2025**. Bħala parti mis-sottomissjonijiet tiegħek tista' jekk tixtieq tippreżenta provi dokumentarji ġodda għall-konsiderazzjoni ta' dan l-Uffiċċju, jew tipproponi li tingħabar xhieda orali.

Insellimlek,

Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

DOKUMENT G

**From:** Alex Borg
**To:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life
**Subject:** Re: Ittra mingħand il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika
**Date:** Sunday, 9 February 2025 19:23:52

Nixtieq nirreferi għar-risposta tiegħek dwar l-investigazzjoni miftuħa skont l-Artikolu 1 tal-Kodiċi ta' Etika tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati. B'rispett sħiħ lejn il-proċess u l-importanza tal-governanza tajba, nixtieq niċċara li l-pożizzjoni tiegħi dwar is-suġġett tal-Forti Chambray hija riflessjoni ta' diskussjoni li saret fuq livell parlamentari, fejn dan il-vot u dan il-ftehim kienu approvati mhux biss minni personalment, iżda mill-Parlament kollu kemm hu – inkluż kemm mill-membri tal-Partit Nazzjonalista kif ukoll mill-membri tal-Partit Laburista; b'dan illi kwalunkwe dokumenti kienu accessibli ghal kull membru parlamentari, b'kull membru liberu li jiehu d decizzjoni ghalih/a jekk jaqbilx jew le.

Meta nsemmi kwistjonijiet ta' governanza u obbligi pubbliċi, ma jkunx intenzjonat li jsir tagħwiġ tal-fatti, iżda li jsir enfasi fuq il-kuntest usa' tal-kwistjoni sabiex in-nies ikunu infurmati b'mod ċar. Għaldaqstant, għalkemm il-kuntratt jindika ċertu responsabbiltajiet tal-Gvern rigward ix-xogħol tar-restawr u t-tisħiħ tas-swar, il-kritika tiegħi kienet iffukata fuq il-fatt li dawn ir-responsabbiltajiet ma ġewx implimentati b'mod mgħaġġel jew effettiv fil-passat, u l-konċessjoni kienet meqjusa bħala pass meħtieġ biex jiġu salvati l-elementi storċi.

Meta qajjem il-punt li l-konċessjonarju qed jikkontribwixxi għat-tisħiħ u r-restawr permezz ta' tpacija ta' spejjeż u ħlasijiet, dan kien ifisser ukoll li l-Gvern effettivament m'għandux joħroġ fondi immedjati – xi ħaġa li tfisser ġestjoni aħjar tal-fluss tal-flus pubbliċi, iżda b'responsabbiltà fuq żmien fit-tul.

B'danakollu, napprezza li ninsab taħt l-iskrutinju pubbliku u lest li nkun kollaborattiv sabiex dan il-proċess jiġi konkluż b'mod ċar, u b'rispett lejn il-prinċipji ta' trasparenza u governanza tajba.

Jekk meħtieġ kjarifika oħra dwar l-osservazzjonijiet tiegħek, nibqa' għad-dispożizzjoni tiegħek għal diskussjoni ulterjuri.

Għal darb'oħra, nirringrazzjak għall-ħidma tiegħek.

Onor. Dr Alex Borg MP
Spokesperson għall-Għawdex

Sent from Outlook for iOS

---

**From:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life <charles.polidano@standardscommissioner.mt>
**Sent:** Thursday, January 9, 2025 12:31:54 PM
**To:** Alex Borg <contact@alexborg.mt>
**Subject:** RE: Ittra mingħand il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

Onor Alex Borg MP

Nirreferi għall-korrispondenza t'hawn taħt.

Ġentilment mitlub tara l-ittra annessa, li hija mingħand il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika.

Nirringrazzjak,
Charles Polidano

**Charles Polidano**
Director General
Office of the Commissioner for Standards in Public Life
Tel: +356 2726 9593 Web: https://standardscommissioner.mt/

---

**From:** Alex Borg <contact@alexborg.mt>

**Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika**

7 ta' Marzu 2025

L-Onor. Alex Borg MP

Bl-email fuq contact@alexborg.mt

Onorevoli,

**Każ K/072 (ilment nru 180) dwar stqarrijiet tiegħek in konnessjoni mal-Forti Chambray**

Nirreferi għall-ittra ta' dan l-Uffiċċju tad-9 ta' Jannar 2025, u r-risposta tiegħek permezz ta' email datata 9 ta' Frar 2025.

Għandi niċċara li l-investigazzjoni ta' dan l-Uffiċċju ma tikkonċernax il-vot tiegħek fil-mozzjoni parlamentari dwar il-konċessjoni tal-Forti Chambray, iżda l-korrettezza fattwali ta' kummenti pubbliċi li inti għamilt dwar din il-materja.

Mill-bqija, ikkunsidrajt bir-reqqa l-punti li qajjimt fl-email tiegħek tad-9 ta' Frar 2025, iżda jibqa' l-fatt li fil-kitba tiegħek fuq Facebook tal-1 ta' Lulju 2024, kif ukoll fl-intervista tiegħek ma' *MaltaToday* li ġiet ippubblikata fis-7 ta' Lulju 2024, inti ppreżentajt verżjoni parzjali tal-fatti dwar il-konċessjoni billi ma indikajtx li l-Gvern baqa' obbligat iħallas għar-restawr tas-swar tal-Forti Chambray u t-tisħiħ tal-art ta' taħthom. Dan ġie spjegat fl-ittra tiegħi tad-9 ta' Jannar 2025.

Kif osservajt fil-kuntest ta' lment ieħor, il-Kodiċi ta' Etika tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati ma jobbligax lid-deputati parlamentari jgħidu l-verità. Huwa biss il-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari li jinkorpora dan l-obbligu. Jekk deputat li mhux ministru jagħmel stqarrija inveritiera, jista' jinstab ħati ta' ksur ta' etika biss jekk dan l-aġir jitqies li ma jixhidx l-istatus u d-dinjità tal-Kamra tad-Deputati, u b'hekk jikser l-artikolu 1 tal-kodiċi tad-deputati. Infatti l-ilmentatur jirreferi għal dan l-artikolu fl-ilment tiegħu.

Madankollu, l-artikolu 1 tal-kodiċi tad-deputati għandu tragward għoli. Stqarrija inveritiera da parti ta' deputat ma tammontax awtomatikament għal ksur tal-artikolu 1. Għandu jkun hemm raġunijiet partikolari biex dan l-aġir jitqies ksur tal-artikolu 1.

Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, 11, Triq San Pawl, il-Belt Valletta VLT 1210, Malta
(+356) 27 269 593 office@standardscommissioner.mt www.standardscommissioner.mt

Fil-fehma tiegħi, it-tragward intlaħaq f'dan il-każ peress li l-kummenti pubbliċi tiegħek kienu maħsuba biex jiġġustifikaw il-vot tiegħek fil-Parlament dwar konċessjoni li ħolqot kontroversja għaliex allegatament tiffavorixxi interessi privati a skapitu tal-interess pubbliku. Il-fatt li għal dan il-għan inti ppreżentajt verżjoni parzjali tal-fatti xejn ma jagħti serħan il-moħħ lil min għandu dubji dwar il-merti tal-konċessjoni. Jekk deputat parlamentari jagħmel stqarrija inveritiera dwar materja bħal din, dan jitfa' dubju fuq il-motivazzjonijiet tiegħu u jimmina l-istatus u d-dinjità tal-Kamra tad-Deputati.

Madankollu, għandu jittieħed in konsiderazzjoni l-fatt li f'kummenti aktar riċenti li tajt lill-midja, inti rrikonoxxejt li l-Gvern huwa obbligat iħallas għar-restawr tas-swar (ara https://timesofmalta.com/article/fort-chambray-restoration-costs-paid-taxpayers.1103292). B'hekk ikkoreġejt il-verżjoni tal-fatti li kont tajt fil-kummenti li rreferi għalihom l-ilmentatur.

Dan huwa fattur attenwanti li jnaqqas il-gravità tal-każ u jagħti lok biex jiġi konkluż taħt l-artikolu 22(5) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika. Bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Kummissarju għall-Istandards jista' jagħlaq każ jekk ma jkunx ta' xorta gravi u l-persuna li ġiet investigata tirrimedja l-ksur ta' etika b'mod li l-Kummissarju jqis adegwat. B'hekk il-każ ma jiġix riferut għall-konsiderazzjoni tal-Kumitat Permanenti tal-Parlament dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika.

Fil-fehma tiegħi, ikun rimedju adegwat jekk inti tibgħatli apoloġija bil-miktub talli tajt stampa parzjali tal-fatti fil-kummenti li rrefera għalihom l-ilmentatur. Jekk taċċetta din il-proposta u tibgħatli apoloġija f'dan is-sens, jiena nikkwotaha fir-rapport tiegħi u nagħlaq il-każ.

Napprezza risposta sa mhux aktar tard mill-**Ġimgħa 4 ta' April 2025**.

Insellimlek,

Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

DOKUMENT I

**From:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life
**To:** Alex Borg
**Subject:** FW: Ittra mingħand il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika
**Date:** Tuesday, 8 April 2025 11:14:00
**Attachments:** Letter to Alex Borg 2025-03-07.pdf

---

Onor Alex Borg MP

Nirreferi għall-messaġġ t'hawn taħt u l-ittra annessa mingħand il-Kummissarju għall-Istandards dwar il-każ K/072.

Il-Kummissarju ma rċieva ebda risposta għall-ittra tiegħu mingħandek, għalkemm talbek twieġeb sal-Ġimgħa 4 ta' April 2025. Għalhekk huwa inkarigani ninfurmak li jekk ma jirċevix risposta mingħandek sal-aħħar ta' din il-ġimgħa, huwa jikkonkludi l-każ kif jidhirlu xieraq fiċ-ċirkostanzi.

Insellimlek,
Charles Polidano

**Charles Polidano**
Director General
Office of the Commissioner for Standards in Public Life
Tel: +356 2726 9593    Web: https://standardscommissioner.mt/

---

**From:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life
**Sent:** Friday, 7 March 2025 12:55
**To:** Alex Borg <contact@alexborg.mt>
**Subject:** RE: Ittra mingħand il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

Onor Alex Borg MP

Nirreferi għall-messaġġ tiegħek tad-9 ta' Frar 2025 dwar il-każ K/072.

Ġentilment mitlub tara l-ittra annessa, li hija mingħand il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika.

Għal aċċess aktar faċli, billi l-ittra hija scanned, qed nirriproduċi hawn il-URL li jidher fiha:
https://timesofmalta.com/article/fort-chambray-restoration-costs-paid-taxpayers.1103292.

Nirringrazzjak,
Charles Polidano

**Charles Polidano**
Director General
Office of the Commissioner for Standards in Public Life
Tel: +356 2726 9593    Web: https://standardscommissioner.mt/

---

**From:** Alex Borg <contact@alexborg.mt>
**Sent:** 09 February 2025 19:23
**To:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life
<charles.polidano@standardscommissioner.mt>
**Subject:** Re: Ittra mingħand il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

Nixtieq nirreferi għar-risposta tiegħek dwar l-investigazzjoni miftuħa skont l-Artikolu 1 tal-Kodiċi ta' Etika tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati. B'rispett sħiħ lejn il-proċess u l-importanza tal-governanza